# PARROĊĊA SANT'ANNA WIED IL-GĦAJN

## AVVIŻI  3 TA' MARZU 2019

**Għoti tal-Ministeru tal-Lettorat lis-Seminarista Jean-Claude Schembri**

It-Tnejn 4 ta' Marzu 2019 fis-7:00pm ġewwa s-Seminarju tal-Arċisqof is-Seminarista Jean-Claude Schembri flimkien ma' żewġ seminaristi oħra ser jiġi istitwit bħala lettur minn Mons. Arċisqof Charles J. Scicluna. Inħeġġukom sabiex nitolbu għalihom.

**Tberik tal-Familji**

It-Tlieta 5 ta' Marzu 2019 fl-4:30pm inkomplu bit-tberik tal-familji fi **Triq Vittorio Cassar u l-Lay Lay Complex**.

**Ras ir-Randan**

L-Erbgħa 6 ta' Marzu 2019 nagħtu bidu għal żmien ir-Randan. Huwa jum ta' sawm u astinenza (innaqsu mill-ikel u ma nieklux laħam). Għalhekk nhar l-Erbgħa fil-5.30pm niltaqgħu l-Mużew tas-Subien fejn nibdew il-quddiesa b'pellegrinaġġ bix-xbieha tas-salib sal-Knisja Parrokkjali. Mill-Mużew nimxu għal Triq il-Knisja, Triq San Ġwakkin, Pjazza Dun Tarċis, Triq Dun Frans Bianco għall-Knisja. Nħeġġu lir-residenti ta dawn it-toroq biex jarmaw dawl minn fejn se jgħaddi l-pellegrinaġġ. Grazzi.

**Via Sagra**

Matul ir-Randan nhar ta' Erbgħa u Ġimgħa jkollna t-talba tal-Via Sagra fil-Knisja Parrokkjali, għalhekk fil-5.15pm jkollna t-talba tar-Rużarju u fil-5.30pm il-Via Sagra.

**Mixja sas-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja Ħaż-Żabbar**

Fil-bidu tar-Randan Imqaddes bi tħejjija għall-Pellegrinaġġ li jsir fl-Ewwel Ħadd tar-Randan f'Ħaż-Żabbar, nhar il-Ġimgħa 8 ta' Marzu 2019 ser issir quddiesa fit-8.00pm fil-Parroċċa tagħna u wara mixja sas-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja Ħaż-Żabbar. Meta naslu jkollna mument ta' talb quddiem ix-xbieha tal-Madonna tal-Grazzja. Fl-10.30pm ikollna t-trasport lura lejn Wied il-Għajn. Dawk li ser jingħaqdu magħna bit-trasport jekk jogħġobhom jiktbu isimhom fis-sagristija minħabba t-trasport sa nhar il-Erbgħa 6 ta' Marzu 2019. Inħeġġukom sabiex nattendu bħala familiji.

**Grupp Anzjani tal-Ispiritwalità**

L-Erbgħa 13 ta' Marzu 2019 ser isir irtir organizzat mill-grupp tal-anzjani tal-ispiritwalità.

**Bazaar**

Fis-Sala San Ġwakkin qed jitella' l-Bazaar tal-Parroċċa. Inħeġġiġkom sabiex tagħtu titwila.

**Figolli**

Għal darb'oħra ser isiru l-figolli bħala għajnuna għall-parroċċa. Napprezzaw jekk ikun hawn min joffri xi lumi. Tistgħu tħalluhom fis-sagristija. Grazzi.

**Mill-Kunsill Lokali**

L-Erbgħa 6 u l-Ħamis 7 ta' Marzu 2019, ser jitqassmu l-kontenituri tas-separazzjoni tal-iskart minn ħdejn it-Torri ta` San Tumas bejn id-9:00am u l-4:00pm.

**Fuljett 'Flimkien'**

Wasal il-fuljett *Flimkien* għax-xahar ta' Marzu 2019. Nitolbu lid-distributuri biex jiġbru l-kopji tagħhom mis-sagristija, waqt li nirringrazzjawhom tas-servizz li qed jagħtuna.